

Avviż biex tiġi stabbilita lista ta' riżerva għall-kariga ta'

Assistent tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni

(Persunal Kuntrattwali, Grupp ta' Funzjoni III)

fl-Uffiċċju tad-Direttur tal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER)

REF.: ACER/2018/10

Pubblikazzjoni

Esterna

Titolu tal-Kariga

Assistent tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni

1. AĦNA

L-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Aġenzija") hija korp tal-Unjoni Ewropea ("UE"), imwaqqfa legalment permezz tar-Regolament (KE) Nru 713/2009¹, u ilha taħdem mill-2011. L-Aġenzija hija importanti ħafna għall-liberalizzazzjoni tas-swieq tal-elettriku u tal-gass naturali tal-UE.

L-iskop tal-Aġenzija huwa li tassisti lill-Awtoritajiet Regulatorji Nazzjonali ("ARN") sabiex jeżerċitaw, fil-livell tal-Unjoni, il-kompiti regulatorji li jwettqu fl-Istati Membri u, fejn ikun hemm bżonn, sabiex jikkoordinaw l-azzjoni tagħhom.

F'dan ir-rigward, l-Aġenzija:

- a) Tikkomplimenta u tikkoordina l-ħidma tal-ARN;
- b) Tipparteċipa fl-iżvilupp ta' regoli tan-netwerk Ewropej;
- c) Tieħu, taħt ċerti kundizzjonijiet, deċiżjonijiet individwali vinkolanti dwar it-termini u l-kundizzjonijiet għall-aċċess u għas-sigurtà operazzjonali għall-infrastruttura transkonfinali, dwar l-allokazzjoni tal-ispejjeż transkonfinali għal Proġetti ta' Interess Komuni u dwar it-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji għall-implimentazzjoni tal-kodiċijiet tan-netwerk;
- d) Tagħti pariri fuq kwistjonijiet relatati mal-elettriku u l-gass naturali lill-istituzzjonijiet Ewropej;
- e) Tissorvelja s-swieq interni fl-elettriku u l-gass naturali u tirrapporta fuq is-sejbiet tagħha;
- f) Tissorvelja l-kummerċ fil-prodotti tal-enerġija bl-ingrossa sabiex tidentifika u trażżan l-abbuż tas-suq u tiżgura l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa tal-UE.

L-oqsma ewlenin li fuqhom jiffukaw l-attivitajiet tal-Aġenzija huma:

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 713/2009 tal-Parlament Ewropej u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 1).

- Is-sostenn tal-integrazzjoni tas-suq Ewropew: dan isir l-aktar billi jiġu żviluppati regoli komuni dwar in-netwerk u s-suq, kif ukoll billi jkun hemm koordinazzjoni ta' inizzjattivi reġjonali li huma sforzi konkreti li jieħdu l-parteċipanti fis-suq sabiex jaħdmu lejn integrazzjoni ikbar;
- Għoti ta' pariri lill-istituzzjonijiet tal-UE dwar kwistjonijiet relatati mal-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea: l-Aġenzija toħroġ opinjonijiet fuq pjanijiet ta' żvilupp tan-netwerk għal għaxar snin sabiex tiżgura li dawn ikunu konformi mal-prijoritajiet stabbiliti fil-livell tal-UE, u dwar l-abbozz ta' listi ta' Proġetti ta' Interest Komuni;
- Monitoraġġ tas-suq tal-enerġija; l-Aġenzija għandha missjoni ġenerali f'termini ta' monitoraġġ tas-suq fil-livell tal-UE u, ilha minn tmiem l-2011, b'responsabbiltà speċifika ħafna fir-rigward tas-sorveljanza tan-negozjar tal-enerġija bl-ingrossa.

Permezz tal-pakkett li jmiss "Clean Energy for all Europeans" ("Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha"), għandhom jiġu assenjati kompiti addizzjonali lill-Aġenzija.

Bħalissa l-Aġenzija timpjega iktar minn 80 membru tal-persunal u fl-2018 għandha baġit annwali approvat ta' EUR 13.6 miljun. L-istruttura interna tal-Aġenzija tinqasam f'ħames Dipartimenti (Elettriku, Gass, Sorveljanza u Kondotta tas-Suq, Integrità u Trasparenza tas-Suq u Amministrazzjoni) u l-Uffiċċju tad-Direttur. Jekk jogħġbok ara l-organigramma tal-Aġenzija fil-link li ġej:

http://www.acer.europa.eu/en/The_agency/Organisation/Pages/ACER-departments.aspx

2. NIPPROPONU

L-Aġenzija qed tftitex li tistabbilixxi lista ta' riżerva għall-pożizzjoni ta' Assistent tal-Infurmazzjoni u tal-Komunikazzjoni. L-impjegat ser jiġi assenjat għall-Uffiċċju tad-Direttur tal-Aġenzija, hu/hi ser jaħdem/taħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Uffiċċjal tal-Infurmazzjoni u l-Komunikazzjoni u jirrapporta/tirrapporta lill-Mexxej tat-Tim - Streteġija u Komunikazzjoni.

Il-kompiti tal-Assistent tal-Infurmazzjoni u tal-Komunikazzjoni jinkludu dan li ġej:

- Li jassisti/tassisti fil-ġestjoni u l-manutenzjoni tal-intranet u s-siti tal-internet tal-Aġenzija, billi jipproponi/tipproponi u jimplimenta/timplimenta titjib għall-kontenut tagħhom, f'koordinazzjoni ma' fornituri tal-kontenut tal-web differenti, u billi jiżgura/tiżgura li l-kontenut huwa xieraq għall-midja soċjali;
- Li jassisti/tassisti fl-abbozzar, l-iżvilupp u d-distribuzzjoni ta' kunċetti, messaġġi u materjali ta' komunikazzjoni, inkluż kontenut testwali, grafiku, awdjo-viżiv, tal-istampa u onlajn għall-intranet u s-siti tal-internet tal-aġenzija;
- Li jassisti/tassisti fil-ġestjoni ta' komunikazzjoni interna u esterna: immaniġjar ta' mistoqsijiet dwar il-midja u li jaġixxi/taġixxi bħala intermedjarju bejn il-midja u l-impjegati operazzjonali tal-Aġenzija, jassisti/tassisti fl-ippreparazzjoni ta' sqarrijiet tal-istampa, materjal ta' infurmazzjoni u bullettini;
- Li jassisti/tassisti fil-ġestjoni ta' baġit relatat mal-komunikazzjoni, jaġixxi/taġixxi bħala verifikatur operazzjonali meta meħtieġ, fil-ġestjoni ta' akkwist pubbliku għal proġetti relatati mal-komunikazzjoni (sejħiet għall-offerti, implimentazzjoni u superviżjoni ta' kuntratti) u fil-ġestjoni ta' kuntratturi fil-konsenja ta' prodotti ta' komunikazzjoni, inklużi l-aspetti ta' ġestjoni finanzjarja u kuntrattwali.

- Li jassisti/tassisti f'kompiti oħra fl-oqsma tal-Istampa u tal-Komunikazzjoni, bħall-organizzazzjoni ta' avvenimenti interni u esterni (konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma, eċċ.).

Il-kandidat li jintgħażel jista' jkun meħtieġ, kull tant żmien, jassisti f'oqsma ta' ħidma oħrajn tal-Aġenzija, skont il-ħtiġijiet u l-prijoritajiet, kif ippjanat u ddefinit, jew kif iddeterminat mid-Direttur.

3. QEGĦDIN INFITTXU

A) Kriterji ta' eliġibbiltà

Il-kandidati sejrjn jiġu kkunsidrati eliġibbli għall-fażi tal-għażla fuq il-bażi tal-kriterji formali li ġejjin li jridu jiġu ssodisfati sad-data ta' għeluq għall-applikazzjonijiet:

1. Għandu jkollhom livell ta' edukazzjoni post-sekondarja attestat b'diploma², jew livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal edukazzjoni sekondarja attestat b'diploma li jagħti aċċess għal edukazzjoni post-sekondarja u esperjenza professjonali xierqa ta' mill-inqas tliet (3) snin;

(Titoli ta' studji li ngħataw fl-Istati Membri tal-UE jew li huma soġġetti għaċ-ċertifikati ta' ekwivalenza maħruġin mill-awtoritajiet fl-Istati Membri msemminjin biss sejrjn jiġu kkunsidrati).

2. Ikollhom għarfien profund ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea³ u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa oħra minn dawn il-lingwi (livell B2 tal-CERF⁴) tant li jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet tagħhom;
3. Ikunu ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;
4. Ikunu intitolati għad-drittijiet sħaħ tagħhom bħala ċittadini;
5. Ikunu ssodisfaw kull obbligu impost mil-liġijiet applikabbli dwar is-servizz militari;
6. Ikunu fiżikament kapaċi jwettqu d-dmirijiet relatati ma' din il-kariga⁵.

B) Kriterji tal-għażla

Il-kriterji li ġejjin sejrjn jiġu evalwati meta jintgħażlu l-kandidati għall-intervisti:

L-għarfien tekniku:

1. Edukazzjoni fqasam rilevanti għal dan ix-xogħol, eż. it-teknoloġijiet tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, komunikazzjoni ta-midja, jew ekwivalenti;

² L-esperjenza professjonali tingħadd biss miż-żmien meta l-kandidat ikun kiseb id-diploma meħtieġa biex ikun eliġibbli. Iktar tard, il-kandidat sejjer jintalab jipprovdi dokumenti ta' appoġġ li jikkonfermaw it-tul u l-livell tal-esperjenza professjonali tiegħu.

³ Il-lingwi uffiċjali tal-UE huma l-Bulgaru, il-Kroat, iċ-Ċek, id-Daniż, l-Olandiż, l-Ingliż, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Frañċiż, l-Irlandiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ungeriz, it-Taljan, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, il-Pollakk, il-Portugiż, ir-Rumen, is-Slovakk, is-Sloven, l-Ispanjol u l-Iżveđiż.

⁴ Livelli tal-lingwa skont il-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi:
<http://europass.cedefop.europa.eu/resources/european-language-levels-cefr>

⁵ Qabel jinħatar, kandidat li jintgħażel għandu jgħaddi minn eżami mediku li jsir minn wieħed mill-uffiċjali mediċi tal-istituzzjonijiet sabiex l-Aġenzija tkun ċerta li jissodisfa/tissodisfa r-rekwiżit tal-Artikolu 28(e) tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

2. Sad-data ta' skadenza għall-applikazzjonijiet, ikunu kisbu tal-inqas tliet (3) snin esperjenza professjonali rilevanti wara li jkunu laħqu l-kriterju msemmi fil-punt 3.A).1 hawn fuq;
3. Esperjenza professjonali bi provi fl-ippreparar u l-ġestjoni ta' kontenut ta' sit tal-web, kif ukoll għarfien u esperjenza bi provi bħala web master jew editur tal-web fuq Sistema ta' Ġestjoni tal-Kontenut (Content Management Systems), permezz ta' softwer bħal SharePoint, WordPress u InDesign;
4. Esperjenza professjonali bi provi fl-abbozzar ta' kontenut għal skopijiet ta' komunikazzjoni (bħal stqarrijiet tal-istampa, pubblikazzjonijiet, eċċ.);
5. Esperjenza professjonali bi provi f'komunikazzjoni ma' partijiet interessati interni u esterni, inklużi ġurnalisti;
6. Esperjenza professjonali fil-ġestjoni ta' proġetti relatati mal-komunikazzjoni, inkluż aspetti ta' baġit, finanzjarji u kuntrattwali ser tiġi kkunsidrata bħala vantaġġ;
7. Esperjenza professjonali fl-assistenza ta' organizzazzjoni ta' avvenimenti ser tiġi kkunsidrata bħala vantaġġ;

Il-komunikazzjoni u ħiliet personali oħrajn:

1. Għarfien tajjeb ħafna tal-Ingriż miktub u mitkellem (livell C2⁶);
2. Kapaċità mixhuda bi prova ta' ħidma f'tim u taħt pressjoni, flimkien mal-kapaċità ta' ħidma fuq bosta proġetti simultanjament;
3. Esperjenza f'ambjent internazzjonali b'interazzjoni ma' firxa wiesgħa ħafna ta' partijiet interessati.

Il-komunikazzjoni u ħiliet personali oħrajn se jrin jiġu vvalutati fil-fażi tal-intervista orali u fl-eżami bil-miktub. .

Il-kandidati huma mitluba li fl-ittra ta' motivazzjoni tagħhom jispjegaw f'liema pożizzjonijiet kisbu l-għarfien u l-esperjenza professjonali tagħhom fl-oqsma speċifiċi.

4. GĦAŻLA U ĦATRA

Il-Kumitat tal-Għażla ser jevalwa l-applikazzjonijiet u jagħżel lil daww il-kandidati li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà u daww li jissodisfaw l-aħjar il-kriterji tal-għażla.

Il-Kumitat ta' Għażla se jjer jieħu l-impenn li jistieden tal-inqas sitt kandidati u mhux iktar minn tmien kandidati għal intervista u test bil-miktub. Madankollu, dawn in-numri jistgħu jiżiedu fil-każ ta' numru ikbar ta' kandidati li jgħibu punteġġ għoli li jkunu qegħdin jieħdu sehem fil-proċedura ta' selezzjoni jew jonqsu fil-każ ta' numru limitat ta' applikanti eliġibbli u/jew numru limitat ta' kandidati li jgħibu punteġġ għoli li jkunu qed jieħdu sehem fil-proċedura ta' selezzjoni.

L-intervista u t-test se jrin jiffokaw fuq l-aspetti li ġejjin:

- Kompetenzi u għarfien speċifiċi b'referenza għall-kriterji tal-għażla ta' din is-sejħa għall-espressjoni ta' interess;

⁶ Livelli tal-lingwa skont il-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi:
<http://europass.cedefop.europa.eu/resources/european-language-levels-cefr>

- L-apitudnijiet ġenerali sal-punt meħtieġ għall-prestazzjoni tad-dmirijiet b'konformità mal-Artikolu 12.2.e tal-Kondizzjonijiet tal-Impjeg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni (CEOS);

L-Aġenzija sejra tfassal lista ta' riżerva tal-iktar kandidati adattati.

B'konformità mad-Deċiżjoni tad-Direttur 2017/16, il-kandidati li jgħibu marka minima ta' 70 % biex jikkwalifikaw fit-test bil-miktub u l-intervista ser jitqiegħdu fil-lista ta' riżerva. Il-lista ta' riżerva ser tkun valida sal-31/12/2019. Il-validità tagħha tista' tiġi estiża jekk jiddeċiedi hekk id-Direttur.

Il-kandidati kollha sejin jiġu informati dwar l-eżitu tal-proċedura. Ir-reklutaġġ ser ikun suġġett għad-disponibbiltà baġitarja u għall-assenjazzjoni tal-karigi mill-Awtorità Baġitarja.

5. OPPORTUNITAJIET INDAQS

L-Aġenzija tapplika politika ta' opportunitajiet ugwali u taċċetta u tittratta l-applikazzjonijiet mingħajr distinzjoni fuq bażi ta' sess, razza, kulur, oriġini etnika jew soċjali, fattizzi ġenetiċi, lingwa, reliġjon, politika jew xi opinjoni oħra, sħubija f' minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali.

6. IL-KONDIZZJONIJIET TAL-IMPJIEG

Il-kandidat li jintgħażel ser jinħatar mid-Direttur bħala Impjegat Kuntrattwali fil-Grupp ta' Funzjoni III, skont l-Artikolu 3a tas-CEOS għal perjodu ta' sentejn, li jista' jiġġedded.

Il-paga u l-benefiċċji soċjali: il-paga ta' membri tal-persunal tikkonsisti f' salarju bażiku, għotjiet u benefiċċji oħrajn. Skont is-sitwazzjoni tal-familja individwali u l-post ta' oriġini, id-detentur tal-impjeg jista' jkun intitolat għal: benefiċċju tal-espatrijazzjoni (16 % tas-salarju bażiku), benefiċċju tal-unità domestika, benefiċċju għat-tfal dipendenti, benefiċċju għall-edukazzjoni, benefiċċju għat-tfal għas-snin ta' qabel l-edukazzjoni formali, rimbors tal-ispejjeż tat-tneħħija, indennizz tas-sussistenza temporanju ta' kuljum, gratifika ta' insedjament u benefiċċji oħrajn. Is-salarji huma eżentati mit-taxxa nazzjonali, minflok titħallas taxxa tal-Komunità fis-sors;

Funzjoni Grupp / Grad	Rekwiżiti minimi għall-klassifikazzjoni pass, pass (livell meħtieġ ta' studji universitarji + numru minimu ta' snin ta' esperjenza wara l-gradwazzjoni mill- università)	Salarju bażiku fix- xahar (gross)	Stima tas-salarju nett fix-xahar, inklużi konċessjonijiet speċifiċi ⁷
FGIII Grad 8	Edukazzjoni post-sekondarja ċċertifikata b'diploma + sa seba' (7) snin esperjenza f'xi oqsma jew fl-oqsma kollha koperti mid-deskrizzjoni tal-impjeg	2,704.38 €	2,949.87 €
FGIII Grad 9	Edukazzjoni post-sekondarja ċċertifikata b'diploma + aktar minn seba' (7) snin esperjenza f'xi oqsma jew fl- oqsma kollha koperti mid-deskrizzjoni tal-impjeg	3,059.83 €	3,232.84 €
FGIII Grad 10	Edukazzjoni post-sekondarja ċċertifikata b'diploma + aktar minn ħmistax il-sena (15) esperjenza f'xi oqsma jew fl-oqsma kollha koperti mid-deskrizzjoni tal-impjeg	3,462.01 €	3,571.45 €

⁷ Stima tas-salarju nett, inkluż it-tnaqqis għat-taxxa, il-koeffiċjent korrettiv (fil-preżent 84.6 % għas-Slovenja u 100 % għall-Belġju), u s-sigurtà soċjali u ż-żieda tal-konċessjonijiet (din l-istima għet ikkalkulata bil-benefiċċju tal-espatrijazzjoni, il-benefiċċju tal-unità domestika, u b'benefiċċju għal wild dipendenti wieħed). Għandu jkun inmutat li l-benefiċċji jiddependu fi kwalunkwe każ mis-sitwazzjoni personali tal-kandidat.

Benefiċċji addizzjonali:

- Intitolament għal liv annwali ta' jumejn (2) għal kull xahar kalendarju flimkien ma' jiem addizzjonali għall-età, għall-grad, 2.5 ġranet liv għall-persunal espatrijat, jekk applikabbli, u minbarra dan, 19-il btala tal-Aġenzija kull sena;
- L-Iskema tal-Pensjonijiet tal-UE (wara 10 snin ta' servizz);
- Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard tal-UE (JSIS) u kopertura tal-assigurazzjoni kontra aċċidenti u mard ikkaġunati mix-xogħol, il-qgħad u benefiċċju u assicurazzjoni għal invalidità.

7. PROTEZZJONI TAD-DATA

L-għan tal-ipproċessar tad-data li l-kandidati jissottomettu huwa li jkunu mmaniġġjati l-applikazzjoni(jiet) tagħhom fid-dawl tal-possibbiltà ta' għażla minn qabel u reklutaġġ fl-Aġenzija. Id-data personali hija pproċessata minn u aċċessibbli għall-persunal awtorizzat tal-Aġenzija. F'ċerti każijiet, espert estern, ukoll marbut bl-istess prinċipji ta' protezzjoni tad-data, jista' jgħin lill-Aġenzija fl-għażla tal-kandidati.

L-Aġenzija tadderixxi ma' u hija regolata mir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE.

L-Aġenzija hija sorveljata mill-KEPD(<http://www.edps.europa.eu>). Għal aktar mistoqsijiet il-kandidati jistgħu jikkuntattjaw lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data fuq: DPO@acer.europa.eu. Il-kandidati huma mistiedna jikkonsultaw id-dikjarazzjoni ta' privatezza, li tispjega kif l-Aġenzija tipproċessa d-data personali fir-rigward tar-reklutaġġ u l-għażliet, li tinsab fuq is-sit tal-Aġenzija.

8. PROĊEDURA TAL-APPLIKAZZJONI

Biex l-applikazzjonijiet ikunu validi, il-kandidati għandhom jissottomettu (f'PDF jew f'format Word):

- Curriculum vitae komplut u dettaljat bl-Ingliż u f'[format CV Ewropew](#) (Europass)⁸ - **formati oħra ma jiġux ikkunsidrati**;
- Ittra ta' motivazzjoni (massimu ta' paġna waħda) bl-Ingliż li fiha jispjegaw f'liema karigi kisbu l-għarfien u l-esperjenza professjonali tagħhom fl-oqsma speċifiċi identifikati fit-Taqsima 2 ta' dan l-avviż ta' selezzjoni;
- Formola ta' eliġibiltà mimlija kollha.

Applikazzjonijiet li mhumiex kompluti huma kkunsidrati bħala mhux validi.

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu b'posta elettronika lil SELECTIONS-ACER-2018-10@acer.europa.eu filwaqt li jikkwotaw in-numru ta' referenza ta' din is-sejħa għall-espressjoni ta' interess.

Dokumenti ġustifikattivi (eż. kopji ċċertifikati ta' lawrji/diplomi, referenzi, provi ta' esperjenza, eċċ.) ma għandhomx jintbagħtu għalissa iżda fi stadju aktar tard tal-proċedura meta jintalbu.

⁸ Il-mudell tal-Europass huwa disponibbli fil-link li ġej: <https://europass.cedefop.europa.eu/>

Sabiex il-proċess tal-għażla jiġi ffaċilitat, kull komunikazzjoni mal-kandidati rigward din is-selezzjoni ser issir bl-Ingliż.

Taħt l-ebda ċirkostanza m'għandhom il-kandidati javviċinaw lill-Kumitat tal-Għażla, b'mod dirett jew indirett, dwar dan ir-reklutaġġ. L-Awtorità Awtorizzata biex Tikkonkludi Kuntratt tirriżerva d-dritt li tiskwalifika lil kwalunkwe kandidat li jinjora din l-ordni.

L-applikazzjonijiet iridu jintbagħtu bil-posta elettronika sal-31 ta' Jannar 2019 (23:59 ħin ta' Ljubljana).

Jekk f'xi mument fil-proċedura jiġi stabbilit li hemm xi informazzjoni skorretta pprovduta mill-kandidat, il-kandidat inkwistjoni jiġi skwalifikat.

Għal aktar tagħrif dwar il-proċedura ta' selezzjoni, jekk jogħġbok ikkonsulta l-gwida għall-kandidati fuq is-sit web tal-Aġenzija:

http://www.acer.europa.eu/The_agency/Working_at_ACER/Pages/FAQs-on-working-at-ACER.aspx.

9. APPELLI

Skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-impjieg ta' Aġenti Oħrajn, kandidat jista' jressaq ilment kontra att li jaffettwa lilu/lilha b'mod ħażin. L-ilment għandu jitressaq fi żmien tliet (3) xhur mid-data tan-notifika fl-indirizz li ġej:

Ġestjoni tar-Riżorsi Umani
Aġenzija għall-Koperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER)
Trg Republike 3
1000 Ljubljana – Slovenia

Jekk l-ilment jiġi rifjutat, skont l-Artikolu 270 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 91 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, kandidat jista' jitlob reviżjoni ġudizzjarja tal-att. L-appell irid jiġi ppreżentat fi żmien tliet (3) xhur mid-data tan-notifika fl-indirizz li ġej:

Ir-Reġistru
The General Court
Rue du Fort Niedergrünwald
L-2925 Il-Lussemburgu
Il-Lussemburgu

Kwalunkwe ċittadin tal-Unjoni Ewropea jew kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li toqgħod fi Stat Membru tista' tressaq ilment dwar amministrazzjoni ħażina skont l-Artikolu 228(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-ilment għandu jitressaq fi żmien sentejn minn meta ssir konxju tal-fatti li huwa bbażat fuqhom l-ilment fl-indirizz li ġej:

L-Ombudsman Ewropew
1, Avenue du President Robert Schuman - BP 403
F-67001 Strasbourg Cedex
Franza

Jekk jogħġbok kun af li l-ilmenti lill-Ombudsman Ewropew ma għandhomx l-effett ta' sospensjoni tal-perjodu msemmi fl-Artikoli 90 u 91 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħrajn tal-Unjoni għas-sottomissjoni ta' lmenti jew il-preżentazzjoni ta' appell skont l-Artikolu 270 tat-Trattat dwar il-Funzjonament

tal-Unjoni Ewropea. Jekk jogħġbok innota wkoll li skont l-Artikolu 2(4) tal-[Kundizzjonijiet Ġenerali li jirregolaw it-twettiq tad- dmirijiet tal-Ombudsman](#), kwalunkwe lment imressaq lill-Ombudsman Ewropew irid ikun preċedut mill-approċċi amministrattivi xierqa lill-istituzzjonijiet u l-korpi kkonċernati.